

Brussell, 18 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9730/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0104 (COD)**

**CODEC 736
AGRI 243
AGRIORG 71
AGRIFIN 63
POSEIDOM 4
PE 32**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 228/2013 fir-rigward ta' assistenza addizzjonali u aktar flessibbiltà għar-reġjuni ultraperiferiċi affettwati minn diżastri naturali severi u fil-kuntest taċ-ċiklun Chido, li kellu effetti devastanti f'Mayotte - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strażburgu, 16 sad-19 ta' Ġunju 2025)

I. INTRODUZZJONI

Fid-19 ta' Mejju 2025, il-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura kkonferma li jekk il-Parlament Ewropew japprova l-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq mingħajr emendi, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Fit-22 ta' Mejju 2025, il-plenarja tal-Parlament Ewropew approvat it-talba mill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (AGRI) biex jipproċedi skont l-Artikolu 170 (proċedura urġenti).

II. VOT

Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-17 ta' Ġunju 2025 bl-inkorporazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni. Din il-pożizzjoni tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu.

Il-Kunsill għandu għalhekk ikun fpożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness ma' dan, u b'hekk jingħalaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet*.

L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

* L-iformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

P10_TA(2025)0115

Emenda tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 fir-rigward ta' assistenza addizzjonali u aktar flessibbiltà għar-reġjuni ultraperiferiċi affettwati minn diżastri naturali severi u fil-kuntest taċ-ċiklun Chido, li kellu effetti devastanti f'Mayotte

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 228/2013 fir-rigward ta' assistenza addizzjonali u aktar flessibbiltà għar-reġjuni ultraperiferiċi affettwati minn diżastri naturali severi u fil-kuntest taċ-ċiklun Chido, li kellu effetti devastanti f'Mayotte (COM(2025)0190 – C10-0071/2025 – 2025/0104(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0190),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 42, l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0071/2025),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,
- wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-19 ta' Mejju 2025, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 170 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tas-17 ta' Ġunju 2025 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 228/2013 fir-rigward ta' assistenza addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi affettwati minn diżastri naturali severi, u aktar flessibbiltà fir-rigward tagħhom u fil-kuntest tad-devastazzjoni kkawżata miċ-ċiklun Chido f'Mayotte

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42, l-Artikolu 43(2), u l-Artikolu 349 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw l-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja¹,

¹ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2025.

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Diċembru 2024, ġie ddikjarat diżastru naturali eċċezzjonali għal Mayotte wara l-konsegwenzi devastanti ta' ċiklun Chido, li qered ħafna mill-potenzjal agrikolu u forestali tal-gżira, u hedded id-disponibbiltà tal-ikel u s-sigurtà tiegħu. Dak iċ-ċiklun bla preċedent u diżastri naturali reċenti oħrajn fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (ir-“reġjuni ultraperiferiċi”) juru l-vulnerabbiltà ta' daww ir-reġjuni għall-effetti tat-tibdil fil-klima, li jinkludu riskju akbar ta' diżastri naturali eċċezzjonali u ta' avvenimenti meteoroloġiċi severi b'konsegwenzi fit-tul.

- (2) Sabiex jiġi indirizzat u mmitigat l-impatt ta' diżastri naturali eċċezzjonali jew ta' avvenimenti meteoroloġiċi severi fir-reġjuni ultraperiferiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-appoġġ għall-produzzjoni lokali pprovdut permezz tal-Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità ("il-programm POSEI") imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², jenħtieġ li jkun possibbli għall-benefiċjarji affettwati li jkomplu jirċievu l-pagamenti tal-programm POSEI matul il-perjodu ta' restawr, irrispettivament mil-livell tal-attività tagħhom, soġġett għal impenn formali li jirrestawraw il-kapaċità tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-Awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu jistgħu jiddeċiedu, abbażi ta' evidenza rilevanti, dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' force majeure jew l-applikazzjoni ta' ċirkostanzi eċċezzjonali. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll, f'ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati, għall-Istati Membri li jippreżentaw proposti biex jemendaw il-programm POSEI, sabiex jiġi estiż l-perjodu ta' restawr għal ċerti setturi lil hinn mill-perjodu li jkun iġġustifikat bl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' force majeure jew bl-applikazzjoni ta' ċirkostanzi eċċezzjonali. L-implimentazzjoni ta' tali emendi jenħtieġ li tkun soġġetta għal rieżami annwali u l-monitoraġġ tal-progress. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikoli 6 u 19 tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 jiġu emendati skont dan.

² Ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jstabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/228/oj>).

- (3) Barra minn hekk, sabiex jiġu indirizzati malajr il-vulnerabbiltajiet tas-sistema tal-ikel ta' Mayotte, u l-isfidi l-oħra għall-komunitajiet rurali tagħha, li jirriżultaw mid-diżastru naturali bla preċedent ikkawżat miċ-ċiklun Chido, huwa xieraq li jingħata, malajr u fuq bażi eċċezzjonali, appoġġ effettiv permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), u li tiġi prevista flessibbiltà addizzjonali fl-applikazzjoni tar-regoli eżistenti. L-Artikolu 6a tar-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ introduċa miżura ġdida li tipprovdni appoġġ temporanju eċċezzjonali b'reazzjoni għall-impatt tad-diżastri naturali, li għandha tiġi ffinanzjata taħt l-FAEŻR fi ħdan l-qafas legali applikabbli fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, kif estiż b'dak ir-Regolament. Sabiex Mayotte tkun tista' tirreaġixxi għall-konsegwenzi taċ-ċiklun Chido, filwaqt li jitqiesu d-diffikultajiet ikkawżati mis-sitwazzjoni speċifika tagħha bħala reġjun ultraperiferiku, jeħtieġ li jiġi stabbilit kif il-miżura għandha tiġi applikata għal Mayotte skont l-Artikolu 6a tar-Regolament (UE) 2020/2220. Peress li d-diffikultajiet speċifiċi ta' rispons għas-sitwazzjoni eċċezzjonali f'Mayotte huma marbutin mad-distanza tagħha bħala reġjun ultraperiferiku, il-flessibbiltà li tagħmel l-appoġġ addizzjonali mill-FAEŻR possibbli jenħtieġ li tiġi pprovduta permezz tal-istabbiliment ta' qafas legali speċifiku għar-reġjuni ultraperiferiċi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 jiġi emendat skont dan.

³ Ir-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-snin 2021 u 2022 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni fis-snin 2021 u 2022 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni ta' tali appoġġ fir-rigward tas-snin 2021 u 2022 (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2220/oj>).

- (4) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jġigifieri li jindirizza u jtaffi l-impatt tad-diżastri naturali fuq is-setturi agroalimentari u tal-forestrija fir-reġjuni ultraperiferiċi billi jipprovdi flessibbiltajiet addizzjonali wara diżastri naturali eċċezzjonali jew avvenimenti meteoroloġiċi severi u, b'mod partikolari, wara ċ-ċiklun Chido f'Mayotte, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jista' pjuttost jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 228/2013 jiġi emendat skont dan.

- (6) Fid-dawl tal-effetti devastanti tad-diżastri naturali attwali u l-urġenza li jiġi indirizzat u mmitigat l-impatt tagħhom fuq is-setturi agroalimentari u tal-forestrija fir-reġjuni ultraperiferiċi, kif ukoll l-urġenza fl-applikazzjoni tal-miżura msemmija fl-Artikolu 6a tar-Regolament (UE) 2020/2220 qabel tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, kif estiż b'dak ir-Regolament, jitqies xieraq li tiġi invokata l-eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat prevista fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE, mat-TFUE, u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (7) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-emendi għar-Regolament (UE) Nru 228/2013 u bħala kwistjoni ta' urġenza fid-dawl tal-ħtieġa urġenti li jiġi indirizzat u mmitigat l-impatt ta' diżastri naturali eċċezzjonali jew ta' avvenimenti meteoroloġiċi severi fir-reġjuni ultraperiferiċi, u b'mod partikolari dak taċ-ċiklun Chido f'Mayotte, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“5. Fil-każ ta’ diżastru naturali eċċezzjonali jew ta’ avveniment meteoroloġiku sever li jeqred kompletament jew parzjalment il-kapaċità tal-produzzjoni agrikola f’reġjun ultraperiferiku, Stat Membru jistà, filwaqt li japplika l-prinċipju tal-force majeure jew ċirkostanzi eċċezzjonali, jippreżenta proposta lill-Kummissjoni għal emendi għall-programm POSEI sabiex il-benefiċjarji kkonċernati jkunu jistgħu jkomplu jirċievu l-appoġġ tal-programm POSEI matul il-perjodu ta’ restawr fil-forma ta’ miżuri li jassistu l-produzzjoni agrikola lokali prevista fl-Artikolu 19. L-implimentazzjoni ta’ dawk l-emendi għall-programm POSEI għandha tkun soġġetta għal rieżami annwali u għall-monitoraġġ tal-progress mill-Kummissjoni u mill-Istat Membru kkonċernat, filwaqt li jaġixxu f’kooperazzjoni mill-qrib.”;

(2) fl-Artikolu 19, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“5. Fejn il-programm jiġi emendat f’konformità mal-Artikolu 6(5), il-benefiċjarji milqutin mid-diżastru naturali eċċezzjonali jew mill-avveniment meteoroloġiku sever jistgħu jkomplu jibbenefikaw minn appoġġ fil-forma ta’ miżuri li jappoġġaw il-produzzjoni, l-ipproċessar jew il-bejgħ previsti fil-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu matul il-perjodu ta’ restawr, irrispettivament mil-livell ta’ attività tagħhom, dment li jagħtu impenn formali biex jirrestawraw il-kapaċità tal-produzzjoni agrikola tagħhom.”;

(3) fl-Artikolu 22, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

- “3. B’deroga mill-Artikolu 6a(5) tar-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, Mayotte tista’ tapprova applikazzjonijiet għall-appoġġ wara t-30 ta’ Ġunju 2025.
4. Fil-programm tal-iżvilupp rurali ta’ Mayotte, l-appoġġ tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) previst għall-miżura msemmija fl-Artikolu 6a tar-Regolament (UE) 2020/2220 ma għandux jaqbeż il-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR għal dak il-programm tal-iżvilupp rurali għas-snin 2021–2022.

* Ir-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Diċembru 2020 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) fis-snin 2021 u 2022 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni fis-snin 2021 u 2022 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni ta’ tali appoġġ fir-rigward tas-snin 2021 u 2022 (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2220/oj>).’.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President